



Dokument ta' sessjoni

B9-0255/2022

2.5.2022

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar it-theddid għall-istabbiltà, is-sigurtà u d-demokrazija fl-Afrika tal-Punent u tas-Saħel
(2022/2650(RSP))

Pierrette Herzberger-Fofana, Rosa D'Amato, Alviina Alametsä, Francisco Guerreiro, Ignazio Corrao, François Alfonsi, Mounir Satouri, Katrin Langensiepen, Jordi Solé
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar it-theddid għall-istabbiltà, is-sigurtà u d-demokrazija fl-Afrika tal-Punent u tas-Sahel (2022/2650(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 (il-Ftehim ta' Cotonou)¹, kif emendat fl-2005 u fl-2010²,
- wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli,
- wara li kkunsidra l-Aġenda 2063 tal-Unjoni Afrikana (UA),
- wara li kkunsidra l-Karta Afrikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli,
- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), li jistabbilixxi l-valuri li fuqhom hija mwaqqfa l-Unjoni,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni (UNCAC) li daħlet fis-seħħ fl-14 ta' Diċembru 2005,
- wara li kkunsidra l-inizjattiva Patt Globali tan-NU biex l-istrateġiji u l-miżuri jkunu bbażati fuq il-prinċipji universali tad-drittijiet tal-bniedem, tal-impjiegi, tal-ambjent u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Partijiet għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali ta' Ottubru 2020 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra r-reati li jaffettwaw l-ambjent,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) – Ewropa Globali³,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2017/2306 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 230/2014 li jistabbilixxi l-strument li jikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-paċi⁴, wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Ġunju 2018 dwar l-urġenza ta' miżuri ġodda għall-ġlieda kontra t-

¹ ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.

² ĠU L 287, 4.11.2010, p. 3.

³ ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1.

⁴ ĠU L 335, 15.12.2017, p. 6.

terroriżmu internazzjonali⁵,

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE tal-15 ta' Ġunju 2016 dwar l-istupru u l-vjolenza kontra n-nisa u t-tfal f'kunflitti armati,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE tad-19 ta' Ġunju 2013 dwar it-theddid li reġa' nħoloq mill-kolpi militari għad-demokrazija u l-istabbiltà politika fil-pajjiżi tal-AKP, u r-rwol tal-komunità internazzjonali,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE tat-18 ta' Mejju 2011 dwar l-isfidi għall-futur tad-demokrazija u r-rispett tal-ordni kostituzzjonali fil-pajjiżi tal-AKP u tal-UE, u tas-27 ta' Novembru 2013 dwar ir-rispett tal-istat tad-dritt u r-rwol ta' ġudikatura imparzjali u indipendenti,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar ir-Rapport Annwali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni⁶,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi fir-reġjuni kkonċernati, it-theddid enormi tal-faqar, in-nuqqas ta' aċċess għal servizzi soċjali bażiċi, it-tibdil fil-klima, il-gruppi armati terroristiċi, iż-żieda fil-vjolenza interkomunitarja fuq l-art u r-riżorsi, l-insigurtà tal-ikel, l-ispostament tal-persuni, u l-vjolenza bbażata fuq il-ġeneru rriżultaw f'kuntest kumpless ta' instabbiltà u nuqqas ta' sigurtà;
- B. billi f'dawn l-aħħar 12-il xahar, iċ-Chad, il-Mali, il-Guinea u l-Burkina Faso kollha waqgħu taħt il-kontroll *de facto* tal-militar; billi l-governanza demokratika u rappreżentattiva tiddependi fuq ir-rispett għall-kostituzzjoni mill-eżekuttiv fil-poter u elezzjonijiet ħielsa u ġusti bejn diversi partiti; billi ċ-ċittadini fl-Afrika tal-Punent u tas-Sahel jappoġġjaw id-demokrazija u qed ifittxu parteċipazzjoni ġusta fil-proċess demokratiku;
- C. billi n-natura tal-isfidi tas-sigurtà tvarja bejn ir-reġjuni, il-pajjiżi u l-provinċji Afrikani; billi l-vittmi ewlenin fir-reġjun tas-Sahel huma kkawżati minn gruppi Iżlamisti u terroristiċi armati, u sa ċertu punt, minn forzi tas-sigurtà u minn diversi gruppi kriminali u ta' milizzja; billi fil-biċċa l-kbira tal-Afrika tal-Punent, xi pajjiżi jesperjenzaw stabbiltà u sigurtà dejjiema, filwaqt li oħrajn ibatu minn vjolenza politika jew kunflitt etniku;
- D. billi l-istrateġija integrata l-ġdida tal-UE fis-Sahel għandha l-għan li ssaħħaħ l-azzjoni fil-livell politiku, filwaqt li żżomm il-kooperazzjoni fis-sigurtà; billi l-attivitajiet iffinanzjati mill-UE għall-prevenzjoni tal-kunflitti, il-medjazzjoni, id-djalogu u r-rikonċiljazzjoni għadhom limitati ħafna;
- E. billi l-kumpaniji privati militari u tas-sigurtà u l-merċenarji Afrikani u barranin spiss ikollhom rwol negattiv fl-Afrika, b'mod partikolari f'żoni minerali b'ħafna riżorsi; billi

⁵ ĠU C 415, 15.11.2018, p. 18.

⁶ ĠU C 238, 6.7.2018, p. 57.

Wagner Group, bl-appoġġ tat-tmexxija Russa, issa qed jiffoka fuq ir-Repubblika Ċentru-Afrikana u l-Mali;

- F. billi skont l-Indiċi dwar il-Perċezzjoni tal-Korruzzjoni tal-2021, il-livelli ta' korruzzjoni mhumiex uniformi fl-Afrika tal-Punent, b'Cabo Verde u s-Senegal fost dawk bl-aħjar prestazzjoni fir-riformi kontra l-korruzzjoni, u l-Liberja, il-Mali u n-Niġerja fost l-aħgar;
 - G. billi l-isparju li qed jiċkien għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-libertà tal-istampa f'xi pajjiżi tal-Afrika tal-Punent u tas-Sahel johlq sfidi serji għad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali;
 - H. billi l-piż tad-dejn jikkontribwixxi għat-theddida tal-istabbiltà ġenerali tal-pajjiżi fir-reġjuni tas-Sahel u tal-Afrika tal-Punent;
1. Jisħaq fuq il-punt li rispons komprensiv għall-isfidi li qed jiffaċċjaw l-Afrika tal-Punent u s-Sahel jeħtieġ koordinazzjoni bejn il-politiki tas-sigurtà, tal-klima, tal-iżvilupp u tal-kummerċ; jemma li l-UE, il-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika tal-Punent (ECOWAS), l-awtoritajiet tranżitorji u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha għandhom jaħdmu flimkien biex isaħħu l-isforzi tal-iżvilupp, tal-edukazzjoni u tal-adattament għat-tibdil fil-klima sabiex jindirizzaw il-faqar u jipprevjenu aktar instabbiltà;
 2. Jilqa' l-isforzi li saru minn xi pajjiżi lejn id-demokratizzazzjoni; jikkundanna t-teħid mhux kostituzzjonali reċenti tal-poter fiċ-Chad, fil-Mali, fil-Guinea u fil-Burkina Faso; jistieden lill-pajjiżi kkonċernati biex jiddefinixxu jew inaqqsu b'mod urġenti d-durata tat-tranżizzjoni politika, jorganizzaw elezzjonijiet liberi u trasparenti u jerġgħu jistabbilixxu malajr l-ordni kostituzzjonali; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jżommu djalogu mal-pajjiżi kkonċernati matul il-proċess ta' tranżizzjoni sakemm ikun hemm evidenza ċara ta' ritorn għall-ordni kostituzzjonali; jirrikonoxxi li kull akkwiżizzjoni militari għandha d-dinamika interna u l-kuntest individwali tagħha stess, iżda jisħaq li l-mexxejja tal-kolpi spiss hađu vantaġġ mill-inkwiet soċjali, l-ilmenti dwar il-korruzzjoni u n-nuqqas mill-gvernijiet li jirrispettaw id-drittijiet u l-obbligi bażiċi u jwettqu riformi mwieġħda;
 3. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet fl-Afrika tal-Punent u tas-Sahel biex jirrispettaw u jipproteġu, indipendentement mill-kuntest politiku, il-libertà ta' għaqda, assoċjazzjoni u espressjoni u libertà tal-midja, inklużi inizjattivi politiċi ta' emanċipazzjoni newtrali għall-ġeneru f'konformità mal-istandards internazzjonali;
 4. Jissottolinja l-impatt sinifikanti tat-tibdil fil-klima fuq is-sigurtà u l-istabbiltà tar-reġjuni tas-Sahel u tal-Afrika tal-Punent; jisħaq fuq l-impatt tal-kunflitti, tal-faqar, tal-inugwaljanzi u tat-tibdil fil-klima fuq l-ispostament furzat; jistieden lill-pajjiżi tal-AKP u tal-UE jiżguraw li l-għajnuna għall-iżvilupp ma ssirx kundizzjonali fuq il-kooperazzjoni mal-politika tal-migrazzjoni tal-UE, u jikkooperaw biex jiffaċilitaw migrazzjoni regolari, sikura u dinjituża;
 5. Jissottolinja li, wara l-pandemija tal-COVID-19, il-kunflitt attwali fl-Ukrajna qed iqiegħed enfasi fuq il-vulnerabbiltajiet tas-sistema globali tal-ikel; iħeġġeġ għalhekk lill-UE tissalvagwardja d-drittijiet tal-Afrika tal-Punent u tar-reġjun tas-Sahel għas-

sovranità tal-ikel bħala mezz biex jinkisbu s-sigurtà nutrizzjonali, it-tnaqqis tal-faqar, ktajjen tal-provvista globali u swieq lokali u reġjonali inklużivi, sostenibbli u ġusti, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lin-nisa u lill-biedja mill-familji, bl-għan li tiġi żgurata l-provvista ta' ikel għall-but ta' kulħadd u aċċessibbli; jisħaq fuq il-punt li s-sejba ta' alternattivi agronomiċi għal fertilizzant sintetiku għali tista' tkun l-aktar għażla ta' politika kosteffettiva għall-UE u għall-pajjiżi fl-Afrika tal-Punent u tas-Saħel, u jfakkar, f'dan ir-rigward, l-għan tal-Istrateġija tal-UE mill-Għalqa sal-Platt li tnaqqas id-dipendenza tal-bdiewa fuq l-outputs esterni;

6. Jisħaq fuq l-importanza tad-definizzjoni mill-ġdid ta' strateġija għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti fir-reġjuni kkonċernati, f'konformità mal-istandards internazzjonali, u jitlob li l-awturi kollha ta' tali azzjonijiet jinżammu responsabbli u jitressqu quddiem il-ġustizzja;
7. Juri tħassib serju dwar l-għadd kbir ta' każijiet ta' abbużi serji ħafna tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa mill-forzi tas-sigurtà Maljani, kif irrappurtat mill-Missjoni Multidimensjonali Integrata tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Istabilizzazzjoni fil-Mali (MINUSMA), li jistgħu jammontaw għal reati tal-gwerra skont il-liġi umanitarja; jieħu nota tad-deċiżjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà li jissospendi xi taħriġ mogħti mill-Missjoni ta' Taħriġ tal-UE fil-Mali (EUTM) u mill-Missjoni tal-UE ta' Bini tal-Kapaċità fil-Mali (EUCAP Sahel Mali) għall-forzi armati u l-gwardja nazzjonali Maljani, u jħeġġeġ is-sospensjoni ta' kwalunkwe assistenza oħra tal-UE lis-settur tas-sigurtà Maljan sakemm ir-reati kollha jkunu tressqu quddiem il-ġustizzja; jistieden lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jirrapporta lill-Parlament dwar il-ksur kollu mwettaq mis-sħab militari u tas-sigurtà tal-UE;
8. Jenfasizza li s-sigurtà tal-bniedem għandha tkun il-prinċipju gwida tar-riforma tas-settur tas-sigurtà tal-UE u tal-isforzi ta' assistenza; iħeġġeġ lill-pajjiżi tas-Saħel u tal-Afrika tal-Punent u lill-UE jiżviluppaw b'mod konġunt approċċ ġdid għar-riforma tas-settur tas-sigurtà u għall-assistenza tas-sigurtà, inkluż l-użu tad-duttrina tas-sigurtà tal-bniedem u tal-proċessi konkreti ta' medjazzjoni, djalogu u rikonċiljazzjoni biex tintemm l-impunità għall-ksur u għall-abbużi mwettqa mill-forzi tas-sigurtà; ifakkar li l-NDICI-Ewropa Globali ma tappoġġjax il-finanzjament ta' ċerti operazzjonijiet marbuta mas-settur militari jew tas-sigurtà tal-Istat, jew dawk li jistgħu jirriżultaw fi ksur tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi sħab; jistieden lill-Istati Membri kollha tal-UE biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom dwar id-drittijiet tal-bniedem u jżommu lura minn kwalunkwe trasferiment ta' armi li jista' jżid il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fl-Afrika tal-Punent u tas-Saħel;
9. Iħeġġeġ lill-UE u lill-pajjiżi tal-Afrika tal-Punent u tas-Saħel biex jiżguraw azzjonijiet ġudizzjarji, inklużi sanzjonijiet kriminali, għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem li jirriżulta mill-attivitajiet ta' kumpaniji militari u ta' sigurtà privati; jemmen li l-UE għandha ttemm l-assistenza kollha ta' sigurtà u dik militari lil pajjiżi li jwettqu attivitajiet ma' persuni u kumpaniji affiljati ma' Wagner Group; jitlob li tiġi żgurata investigazzjoni sħiħa u indipendenti dwar ir-reati tal-massa li allegatament twettqu mill-forzi tas-sigurtà Maljani u mill-persunal militari privat ta' Wagner f'Moura fiċ-ċentru tal-Mali, u li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili fir-reġjun;

10. Jilqa' l-progress li sar minn xi pajjiżi lejn it-tmiem tal-korruzzjoni; iħeġġeġ lill-UE u lill-pajjiżi tal-Afrika tal-Punent u tas-Saħel biex jiġġieldu l-atti kollha ta' korruzzjoni; jisħaq fuq ir-rabta bejn il-korruzzjoni u l-kriminalità ambjentali, li hija theddida dejjem akbar għall-ilħuq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jisfruttaw il-politika kontra l-korruzzjoni permezz ta' tisħiħ tal-kapaċità fir-rigward ta' reati rikonxxuti bħala reati ambjentali mill-UE, mill-Interpol u mill-Programm tan-NU għall-Ambjent;
11. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jevalwaw b'mod urġenti, f'koordinazzjoni mas-sħab internazzjonali tagħhom u mal-istituzzjonijiet internazzjonali rilevanti, il-mezzi kollha disponibbli biex jiġi evitat kwalunkwe nuqqas fil-ħlas tad-dejn tal-pajjiżi Afrikani, inklużi l-finanzjament dirett u r-ristrutturar tad-dejn tagħhom; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jiżviluppaw, bħala l-ewwel pass u flimkien mal-wegħdiet tagħha dwar moratorju fuq id-dejn, inizjattiva ġdida għas-serħan mid-dejn fir-rigward ta' pajjiżi foqra b'dejn kbir; jappella, b'mod aktar ġenerali, għall-ħolqien ta' mekkaniżmu ta' ristrutturazzjoni tad-dejn multilaterali biex jindirizza kemm l-impatt tal-kriżi kif ukoll ir-rekwiżiti ta' finanzjament tal-Aġenda 2030; jisħaq fuq l-importanza li l-finanzjament ibbażat fuq l-għotjiet jingħata prijorità bħala l-għażla prestabbilita, speċjalment għall-pajjiżi l-anqas żviluppati;
12. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, lill-Unjoni Afrikana, lill-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika tal-Punent, lill-organizzazzjonijiet reġjonali tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP), lill-Parlament Pan-Afrikani, u lill-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE.